

IL-PREMJU AĊĊESS CITY 2025

#EUAccessCity

15
IL-SENA
000

 Il-Kummissjoni
Ewropea

Il-Premju Access City 2025 - Regoli tal-kompetizzjoni

Werrej

1. SFOND U GĦANIJIET	2
2. IL-PREMJU AĊĊESS CITY (ACA)	3
3. IL-PROCĊEDURA U L-KRITERJI GĦAN-NOMINA TA' BELT GĦALL-ACA 2025	4
3.1 Kriterji ta' eliġibbiltà	4
3.2 Esklużjoni	5
3.2.1 Applikabbiltà tal-pieni	5
3.3 Kompożizzjoni tal-Ġurija Nazzjonali u tal-Ġurija Ewropea	5
3.4 Il-Ġurija Nazzjonali	6
3.5 Il-Ġurija Ewropea	7
3.6 Skeda taż-żmien indikattiva	7
4. PROCĊESS TA' EVALWAZZJONI	7
4.1 Proċess ta' Għażla u Evalwazzjoni	7
4.2 Kriterji tal-premju	9
5. ARRANĠAMENTI U DATI FINALI GĦAS-SOTTOMISSJONI TAL-APPLIKAZZJONIJIET	10
6. L-INĊENTIV FINANZJARJU	11
6.1 Arranġamenti għall-ħlas	11
6.2 Responsabbiltà unika tal-kontestanti	12
6.3 Verifiki u awditjar	12
6.4 L-ipproċessar tad- <i>data</i> personali	12
6.5 Il-liġi applikabbli u l-ġurisdizzjoni kompetenti	12
7. KUNDIZZJONIJIET GĦALL-KANĊELLAZZJONI TAL-KOMPETIZZJONI	13
8. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI	13
9. ANNESSI	13

1. SFOND U GĦANIJIET

Persuni b'diżabbiltà għandhom id-dritt li jipparteċipaw bis-sħiħ fl-oqsma kollha tal-ħajja, kif jagħmel kulħadd. Madankollu, minkejja l-progress, miljuni ta' persuni b'diżabbiltà għandhom jesperjenzaw ostakli biex jużaw it-trasport, jaċċessaw il-bini jew jirċievu informazzjoni. Din il-kwistjoni mhijiex biss ta' tħassib għall-persuni b'diżabbiltà iżda għas-soċjetà kollha kemm hi. L-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030 għandha l-għan li tagħmel progress f'dan il-qasam, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCRPD). Mill-2010, il-Kummissjoni Ewropea torganizza l-Premju Access City. Dan il-Premju jirrikonoxxi u jiċċelebra r-rieda, l-abbiltà u l-isforzi ta' belt biex issir aktar aċċessibbli għal persuni b'diżabbiltà, sabiex:

- tiggarrantixxi aċċess ugwali għad-drittijiet fundamentali;
- ittejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-popolazzjoni tagħha u
- tiżgura li kulħadd – irrispettivament mill-età, il-mobbiltà jew l-abbiltà – ikollu aċċess ugwali għar-riżorsi u l-pjaċiri kollha li għandhom joffru l-bliet.

Aktar minn 100 miljun persuna għandhom xi forma ta' diżabbiltà fl-UE u l-popolazzjoni tagħha qed tixjieħ ukoll. Barra minn hekk, l-Ewropa issa hija essenzjalment soċjetà urbana, b'madwar 70 % tal-popolazzjoni tal-UE tgħix fi bliet żgħar u fi bliet. Bħala soċjetà, għandna d-dmir li niżguraw li l-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jipparteċipaw fis-soċjetà bl-istess mod bħal kulħadd. Billi jagħmlu xogħol tajjeb fuq l-aċċessibbiltà, il-muniċipalitajiet fl-aħħar mill-aħħar itejbu s-sikurezza u l-kwalità tal-ħajja għal kulħadd. Belt tkun aċċessibbli meta persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu, pereżempju:

- jiksbu informazzjoni;
- jużaw karożżi tal-linja, trams u metrò;
- igawdu parks u playgrounds;
- jidħlu u jduru ma' binjiet bħal-librerija, is-sala tal-isport u s-sala tal-belt.

Il-parteċipazzjoni fil-Premju hija opportunità għall-bliet biex jiksbu rikonoxximent Ewropew u opportunità unika ħalli jirrieżaminaw is-sitwazzjoni attwali tagħhom. Din tippermetti wkoll li jinqasmu esperjenzi ma' bliet Ewropej oħra, u dan jgħin sabiex belt issir saħansitra aħjar biex wieħed jgħix fiha u jżurha. Il-belt rebbieħa u l-bliet li jiġu fit-tieni u t-tielet post jirċievu wkoll premju finanzjarju. L-applikanti jistgħu jirċievu wkoll premju ta' referenza speċjali jekk ikunu għamlu xogħol eċċezzjonali f'qasam partikolari. Il-Premju Access City 2025 jista' wkoll jippremja rakkomandazzjoni speċjali lil belt li tiffoka fuq l-iżvilupp ta' infrastruttura aċċessibbli għall-isport biex tassigura l-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà f'attivitajiet u avvenimenti sportivi.

Il-messaġġ ġenerali li l-iskema tal-premju għandha l-għan li tikkomunika lil-livell lokali huwa li l-Ewropej għandhom dritt li jgħixu f'żoni urbani fejn is-servizzi u l-attivitajiet ta' divertiment għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd. Il-bliet għandhom għalhekk jagħmlu ħilithom biex itejbu l-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini tagħhom billi jtejjbu l-aċċessibbiltà.

Aktar informazzjoni dwar il-Premju Access City tinsab fuq is-sit web uffċjali tal-Kummissjoni Ewropea:

<https://ec.europa.eu/social/accesscityaward>.

2. IL-PREMJU AĊĊESS CITY (ACA)

Il-Kummissjoni Ewropea beħsiebha tagħżel ir-rebbieħ tat-premju Access City Award (ACA 2025) wara kompetizzjoni madwar l-UE kollha.

Il-premju huwa miftuħ għall-bliet ta' aktar minn 50 000 abitant (fil-livell amministrattiv u politiku) f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE. Fi Stati Membri b'inqas minn żewġt ibliet bħal dawn, żoni urbani komposti minn żewġt ibliet żgħar jew aktar jistgħu jipparteċipaw ukoll jekk il-popolazzjoni tagħhom flimkien taqbeż il-50 000 abitant.

L-eżitu tal-proċess tal-għażla tal-Premju Ewropew Access City huwa li jingħata t-titlu tal-Premju Access City 2025 lill-belt rebbieħa u li jingħata premju lir-rebbieħa tat-tieni u t-tielet post.

L-applikanti jistgħu jirċievu wkoll premju speċjali ta' aċċenn jekk ikunu għamlu xogħol eċċezzjonali f'qasam partikolari (eż. l-ambjent mibni u l-isparju pubbliku; il-mobbiltà, it-trasport, u l-infrastruttura relatata; l-ICT; jew il-faċilitajiet u s-servizzi pubbliċi). Il-Kummissjoni Ewropea beħsiebha wkoll tagħti premju speċjali "Infrastruttura Aċċessibbli għall-Isport" lil belt li turi kif jipromwovu l-aċċessibbiltà fl-infrastruttura tal-isport.

Fl-okkażjoni tal-10 anniversarju tal-Premju (ACA 2020), il-Kummissjoni Ewropea se tagħti inċentiv finanzjarju ta' €350 000. Dan l-ammont għandu jinqasam bejn it-tlett ibliet rebbieħa (l-ewwel premju: €150 000, it-tieni premju: €120 000, it-tielet premju: €80 000). Il-premjijiet speċjali ma jinkludux inċentiv finanzjarju.

Għal dak il-għan, is-sejħa għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-Premju Access City 2025 għandha titqies ukoll bħala r-regoli tal-kompetizzjoni għall-għoti tal-inċentiv finanzjarju¹.

It-titlu tar-rebbieħ tal-Premju Access City għas-sena 2025 ("is-sena tat-titlu") u l-inċentiv finanzjarju għandu jingħata fis-sena 2024 ("is-sena tal-għoti") skont il-proċedura u bbażat fuq il-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 3. Il-ħlas tal-inċentiv finanzjarju jseħħ f'pagament wieħed u huwa soġġett u rregolat mir-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 6 ta' dan id-dokument.

Ir-regoli attwali tal-kompetizzjoni huma stabbiliti u ppubblikati mill-Kummissjoni Ewropea, li se tniedi u timmaniġġja l-kompetizzjoni bl-appoġġ tas-Segretarjat estern tal-ACA. L-inċentiv finanzjarju se jkun immaniġġjat biss mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea tal-Impjiegi, l-Affarjiet Soċjali u l-Inklużjoni.

¹ L-inċentiv finanzjarju propost se jsegwi r-regoli dwar il-premji kif stabbiliti fir-[Regolament Finanzjarju 2018/1046](#) applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (Titolu IX, l-Artikoli 206 u 207).

3. IL-PROĊEDURA U L-KRITERJI GĦAN-NOMINA TA' BELT GĦALL-ACA 2025

It-titlu tar-rebbieġ tal-Premju Access City 2025 se jingħata wara kompetizzjoni bejn il-bliet applikanti. Il-kriterji ta' eliġibbiltà għad-dħul fil-kompetizzjoni huma spjegati hawn taħt.

3.1 Kriterji ta' eliġibbiltà

Il-Premju Access City 2025 se jippremja **tlejt** ibliet. Ir-rebbieġ fl-ewwel post huwa l-uniku rebbieġ tat-titlu tal-Premju Access City 2025. Ir-rebbieġa fit-tieni u t-tielet post se jingħataw premju wkoll. Din is-sejġha għall-applikazzjonijiet għall-kompetizzjoni għall-Premju Access City 2025 hija miftuħa għall-applikanti li ġejjin:

- Il-korp li qiegħed jissottometti għandu jkun awtorità governattiva ta' belt ta' aktar minn 50 000 abitant (f'livell amministrattiv u politiku) f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE. "Belt" tinftiehem bħala żona urbana, esklużi ż-żoni metropolitani, żoni urbani akbar u konurbazzjonijiet, u tinftiehem bħala unità amministrattiva mmexxija mill-kunsill tal-belt jew minn forma oħra ta' korp governattiv maħtur b'mod demokratiku.
- Fi Stati Membri tal-UE b'inqas minn żewġt ibliet/Entitajiet amministrattivi bħal dawn, żoni urbani komposti minn żewġt ibliet żgħar jew aktar jistgħu jipparteċipaw ukoll jekk il-popolazzjoni kkombinata tagħhom taqbeż il-50 000 abitant.
- Għad-data dwar il-popolazzjoni, l-Eurostat se jkun is-sors ta' referenza. Għal pajjiżi mhux koperti mill-Eurostat, il-Kummissjoni se twettaq kontrolli speċifiċi meta tivvaluta l-kriterji ta' eliġibbiltà, u tista' titlob lil kwalunkwe belt ikkonċernata tagħti prova li tikkonforma ma' dan ir-rekwiżit.
- **Ir-rebbieġa li fil-passat ikunu ħadu l-ewwel post ma jistgħux japplikaw** għal perjodu ta' tliet snin wara li jkunu rebħu t-titlu tal-Premju Access City għal sena partikolari².
- Il-firmatarju għandu jkun is-sindku jew ir-rappreżentant tal-belt tal-ogħla grad, awtorizzat, bil-liġi nazzjonali, biex jirrappreżenta l-belt b'mod legali.

Il-kandidati kollha għandhom jimlew it-taqsimiet kollha tal-formola tal-applikazzjoni komuni għall-Premju Access City 2025 (ara l-**Annex I**). Bliet kandidati huma mistiedna jikkonformaw mar-rekwiżiti formali li ġejjin meta jfasslu l-applikazzjoni tagħhom. L-applikazzjonijiet li ma jseguw dawn ir-rekwiżiti fl-istadju tal-prekwalifikazzjoni m'għandhomx jiġu eżaminati aktar:

- **L-applikanti huma mħeġġa jissottomettu l-proposta tal-proġett tagħhom bl-Ingliż**, sabiex jiffaċilitaw l-evalwazzjoni tal-proposti u jgħaffu l-proċess ta' evalwazzjoni. Ta' min jinnota, madankollu, li l-proposti sottomessi se jiġu aċċettati bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE.
- L-applikazzjonijiet għandhom isiru billi timtela u tiġi sottomessa l-formola tal-applikazzjoni online **sal-iskadenza tal-10 ta' Settembru 2024, 23:59 CEST**. Il-bliet kandidati għandhom iwiegħbu l-mistoqsijiet kollha, jimlew it-taqsimiet kollha tal-formola tal-applikazzjoni u jaderixxu mal-limiti tal-kliem indikati għal kull taqsima tal-formola tal-applikazzjoni. Kwalunkwe kliem li jaqbeż il-limiti speċifikati mhux se jiġi kkunsidrat u jaf iħalli t-tweġibiet tal-applikazzjoni inkompleti.

² Din id-dispożizzjoni daħlet fis-seħħ f'Novembru 2019 fl-okkażjoni tal-ACA 2020 u tapplika biss għall-bliet li rebħu l-ewwel post fil-kompetizzjoni tal-ACA.

- Il-bliet/l-entitajiet jistgħu jiġu kkuntattjati mis-Segretarjat f'każ ta' żbalji klerikali u/jew amministrattivi jew għal dokumenti nieqsa.

Kull kandidat għandu jimla t-taqsimiet kollha tal-**formola tal-applikazzjoni**³. Minbarra l-informazzjoni pprovduta fil-formola tal-applikazzjoni, il-kandidati għandhom itellgħu d-dikjarazzjoni tas-Sindku, id-Dikjarazzjoni fuq l-unur, il-Formola tal-Entità Legali (LEF, ara Anness V) u l-Formola ta' Identifikazzjoni Finanzjarja (FIF, ara Anness VI).

Il-kandidati huma wkoll mistiedna jtellgħu – jew jipprovdu link għal – preżentazzjoni PowerPoint ta' għaxar slajds sabiex juru u jenfasizzaw il-punti pożittivi tal-applikazzjoni tagħhom.

Jista' jittella' massimu ta' ħames fajls⁴ (id-daqs massimu ta' fajl wieħed huwa 10 MB) jew links. Il-fajls mtellgħin jistgħu jkunu bil-lingwa(i) nazzjonali tal-istat membru tal-UE li qiegħed jieħu sehem fil-kompetizzjoni.

Kull dokument imtella' jrid jingħata isem xieraq. L-isem tal-fajl għandu jiddikjara b'mod ċar dak li jirrappreżenta jew dak li fih il-fajl.

In-Nota ta' Gwida tal-ACA għall-applikanti (l-**Anness II**) għandha tinqara flimkien mal-Formola ta' applikazzjoni għall-Premju Ewropew Access City 2025.

3.2 Esklużjoni

Il-Kummissjoni, fir-rwol tagħha bħala awtorità kontraenti, tista' teskludi parteċipanti li jinsabu f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija mill-Artikoli 136 u 141 tar-Regolament Finanzjarju. L-applikanti għandhom jiffirmaw id-dikjarazzjoni fuq l-unur (Anness IV) fejn jiddikjaraw li mhuma f'ebda minn dawn is-sitwazzjonijiet

3.2.1 Applikabbiltà tal-pieni

Jistgħu jiġu imposti sanzjonijiet amministrattivi fuq applikanti, li huma ħatja ta' dikjarazzjoni falza, jekk xi waħda mid-dikjarazzjonijiet jew l-informazzjoni pprovduta bħala kundizzjoni għall-parteċipazzjoni f'din il-proċedura tirriżulta li hija falza, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 138 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u fi proporzjon mal-valur tal-inċentiv finanzjarju.

3.3 Kompożizzjoni tal-Ġurija Nazzjonali u tal-Ġurija Ewropea

Se tiġi stabbilita Ġurija Nazzjonali fl-Istati Membri fejn il-bliet japplikaw. Il-Ġuriji Nazzjonali huma magħmula minn minimu ta' tlieta u massimu ta' ħames membri b'esperjenza f'oqsma differenti. Fi prinċipju, il-kompożizzjoni tal-Ġurija Nazzjonali se jkollha l-istruttura li ġejja:

- Rappreżentant wieħed mill-Kunsill Nazzjonali tad-Diżabbiltà,
- Rappreżentant wieħed minn amministrazzjoni nazzjonali responsabbli mill-politika tad-diżabbiltà,
- Espert indipendenti wieħed fl-aċċessibbiltà,
- President wieħed (jekk mhux membru ta' waħda mit-tliet kategoriji msemmija hawn fuq),
- Espert wieħed fit-tixjiħ tal-popolazzjoni.

³ Il-pjattaforma tal-applikazzjoni tista' tkun assessjata permezz tal-website Access City Award: www.ec.europa.eu/social/accesscityaward2025

⁴ Formati tal-fajl aċċettati huma: doc, docx, rtf, pps, ppsx, ppt, pptx, xls, xlsx, pdf, zip, gif, jpeg, jpg, png.

Membri tal-ġuriji għandhom status ugwali u d-deċiżjonijiet jittieħdu b'konsens. Ir-rwol tal-president huwa li jikkoordina x-xogħol tal-Ġurija Nazzjonali.

Il-membri tal-Ġurija għandhom il-kompitu li jivvalutaw l-applikazzjonijiet sottomessi mill-bliet (ara t-taqsimi 4.2 t'hawn taħt). Il-valutazzjoni se tinkludi evalwazzjonijiet kwalitattivi, u rieżami bejn il-pari ta' kull applikazzjoni. Il-Ġuriji Nazzjonali se jstabbilixxu lista qasira ta' massimu ta' tlett ibliet għal kull Stat Membru bbażata fuq il-klassifikazzjoni, skont il-kriterji, kif stabbilit fit-Taqsimi 4.1.

Il-kandidati nazzjonali li jgħaddu għat-tieni fażi tal-kompetizzjoni se jiġu vvalutati mill-Ġurija Ewropea. Il-ġurija Ewropea għandha tkun magħmula minn mill-inqas tmien persuni. Huma se jirrappreżentaw lill-Kummissjoni Ewropea u lill-organizzazzjonijiet u/jew oqsma esperti li ġejjin:

- Il-Forum Ewropew dwar id-Diżabbiltà,
- Age Platform Europe
- Espert fl-ambjent mibni u l-ispażji pubbliċi,
- Espert fit-trasport u infrastruttura relatata,
- Espert fl-informazzjoni u l-komunikazzjoni, inkluż informazzjoni ġdida u teknoloġiji tal-komunikazzjoni (ICT),
- Espert fil-faċilitajiet u s-servizzi pubbliċi,
- Espert fl-infrastruttura aċċessibbli għall-isport.

Il-Ġurija Ewropea (ara t-Taqsimi 4.3), se tkompli tivvaluta l-bliet magħżula billi tapplika l-istess kriterji u rati massimi użati mill-Ġuriji Nazzjonali u deskritti fit-Taqsimiet 4.1. u 4.2. ta' hawn taħt.

3.4 Il-Ġurija Nazzjonali

Id-Direttorat Ġenerali tal-Impjegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni tal-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Forum Ewropew dwar id-Diżabbiltà stabbilixxa l-Ġuriji. Il-membri tal-Ġurija Nazzjonali jwettqu l-kompiti tagħhom pro bono u huma appoġġati mis-Segretarjat tal-Premju Access City.

L-għan tal-Ġurija Nazzjonali huwa li tagħżel sa tlett ibliet (imsejġha kandidati nazzjonali), fost l-applikanti nazzjonali, skont il-kriterji ta' evalwazzjoni deskritti fit-Taqsimi 4.1. Huma għandhom ukoll jikkomunikaw il-bliet magħżula lis-Segretarjat tal-Premju. Il-kompiti tal-Ġurija Nazzjonali huma stabbiliti fit-Taqsimi 4.1.

Il-membri tal-Ġurija Nazzjonali huma individwi maħtura fil-kapaċità personali tagħhom u jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess pubbliku. L-individwi maħtura bħala membri tal-Ġurija Nazzjonali f'kapaċità personali jridu jiżvelaw kwalunkwe ċirkostanza li tista' twassal għal kunflitt ta' interess billi jissottomettu "dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess" permezz tal-pjattaforma online ddedikata għall-proċess tal-għażla tal-ACA.

Kull membru tal-Ġurija Nazzjonali se jwettaq il-kompitu tiegħu mill-bogħod, permezz tal-pjattaforma online; skambju ta' e-mails u/jew permezz ta' telefonati.

3.5 Il-Ġurija Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni tal-Kummissjoni Ewropea se jaħtar il-membri tal-Ġurija Ewropea. Il-Ġurija Ewropea se tkun komposta kif stabbilit fit-Taqsima 3.3. Il-kompiti tal-Ġurija huma stabbiliti fit-Taqsima 4.1.

Il-membri tal-Ġurija Ewropea huma individwi maħtura fil-kapaċità personali tagħhom u jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess pubbliku. L-individwi maħtura bħala membri tal-Ġurija Ewropea f'kapaċità personali għandhom jiżvelaw kwalunkwe ċirkostanza li tista' twassal għal kunflitt ta' interess billi jiffirmaw "dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interessi" fil-laqgħa tal-ġurija tal-UE. Il-membri tal-ġurija Ewropea jrid ikollhom ukoll livell ta' profiċjenza fl-Ingliż.

Kull membru tal-Ġurija Ewropea se jwettaq il-kompitu tiegħu mill-bogħod, permezz tal-pjattaforma online; skambju ta' e-mails u/jew permezz ta' telefonati.

Il-membri tal-Ġurija Ewropea se jiltaqqgħu online mill-inqas darba f'xahar qabel iċ-Ċerimonja tal-Premjazzjoni. Il-Ġurija se tagħżel, b'kunsens ir-rebbieħ, it-tieni u t-tielet post kif ukoll il-bliet rebbieħa ta' rakkomandazzjoni speċjali, jekk ikun hemm. Id-deliberazzjoni tagħhom se tkun ibbażata fuq ir-rapport ta' evalwazzjoni li jkunu rċevew mill-Ġuriji Nazzjonali.

3.6 Skeda taż-żmien indikattiva

Kompiti	Perjodu indikattiv
It-tnedija tal-kompetizzjoni	27 ta' Ġunju 2024
L-għeluq tal-applikazzjonijiet	10 ta' Settembru 2024, 23:59 CEST
Evalwazzjoni mill-ġuriji nazzjonali	L-aħħar ta' Settembru 2024
Evalwazzjoni mill-Ġurija Ewropea (laqgħa online)	Bidu/nofs Ottubru 2024
Informazzjoni lill-Applikanti	Il-bidu ta' Novembru 2024
Iċ-Ċerimonja tal-Premju Access City	29 ta' Novembru 2024

4. PROĊESS TA' EVALWAZZJONI

4.1 Proċess ta' Għażla u Evalwazzjoni

L-għażla tal-bliet li għandhom jiġu ppremjati bit-titlu tal-Premju Access City 2025 hija vvalutata abbażi ta' sett standard ta' kriterji ta' evalwazzjoni biex jiġu żgurati l-konsistenza, it-trasparenza u l-ekwità fil-proċess.

Il-kriterji użati u l-piż tagħhom huma speċifikati fit-Taqsima 4.2. Il-bliet applikanti fil-livell nazzjonali li ma jiksbox tal-inqas 60 punt ma jistgħux jiġu ammessi fil-livell Ewropew tal-kompetizzjoni.

L-għażla ssir f'żewġ fażijiet: **prekwalifikazzjoni** fil-livell nazzjonali u **għażla finali fil-livell Ewropew**. Is-Segretarjat tal-ACA għandu jivverifika l-applikazzjonijiet irċevuti dwar ir-rekwiżiti formali u legali kif stabbiliti fit-Taqsimiet 3.1 u 3.2. L-applikazzjonijiet li ma jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti ma għandhomx jiġu eżaminati aktar u jiġu esklużi mill-kompetizzjoni

- **Il-prekwalifikazzjoni**

Il-fażi ta' prekwalifikazzjoni se ssir mill-Ġuriji Nazzjonali. Dawn il-Ġuriji se jiġu stabbiliti f'kull Stat Membru fejn il-bliet applikaw għall-kompetizzjoni tal-ACA.

Lista qasira ta' massimu ta' tlett ibliet għal kull Stat Membru (definiti bħala kandidati nazzjonali) se tiġi nnominata mill-Ġuriji Nazzjonali u sottomessa lill-membri tal-Ġurija Ewropea. Il-bliet mhux magħżula se jiġu infurmati dwar l-eżitu tal-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom.

- **L-Għażla Finali**

Mill-kandidati nazzjonali magħżula fil-prekwalifikazzjoni, il-Ġurija Ewropea tagħżel ir-rebbieħa tal-Premju Access City u r-rebbieħa tat-tieni u t-tielet post.

Barra minn hekk, il-Ġurija tal-UE tista' tiddeċiedi li tagħti "Referenza(i) Speċjali" oħra jew aktar skont:

- jekk għamlu xogħol eċċezzjonali f'qasam ewlien partkolari tal-aċċessibbiltà (e.ż., ambjent mibni u spazju pubbliku; mobbiltà, trasport, u l-infrastruttura relatata; informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż l-ICT; jew faċilitajiet u servizzi pubbliċi, jew
- il-kuntest attwali u l-proġetti/politiki jew punti ewlenin speċifiċi tas-sottomissjonijiet (eż. aċċess għall-wirt kulturali; aċċess għax-xogħol; bliet intelliġenti, eċċ.).

Il-Kummissjoni Ewropea beħsieba wkoll tagħti rakkomandazzjoni speċjali ta' "infrastruttura aċċessibbli għall-isport" lil belt li turi kif iddaħħal l-aċċessibbiltà fl-infrasuttura tal-isport tagħha.

Il-valutazzjoni tal-Ġuriji Nazzjonali tal-bliet magħżula hija ppreżentata lill-Ġurija Ewropea fil-forma ta' Rapport ta' Valutazzjoni, qabel il-laqqgħa tal-ġurija u sservi bħala dokument ta' sfond għad-deliberazzjoni tal-Ġurija.

Il-bliet mhux magħżula se jiġu infurmati dwar l-eżitu tal-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe feedback ipprovdut lill-kandidati mhux magħżula mhuwiex disponibbli għall-pubbliku u huwa għall-użu tal-belt rilevanti biss.

- **Deliberazzjonijiet tal-Ġurija**

Il-membri tal-Ġurija Ewropea jiltaqqgħu fi Brussell jew online mhux aktar tard minn xahar qabel iċ-Ċerimonja tal-Premju⁵. Il-Ġurija taħtar, b'kunsens, ir-rebbieħ, it-tieni u t-tielet post kif ukoll il-bliet li jingħataw referenza speċjali, jekk ikun hemm. Id-deliberazzjoni tagħhom se jkollha tiegħu l-forma ta' rapport ta' kunsens u se tkun ibbażata fuq ir-rapporti ta' valutazzjoni li rċevew mingħand il-Ġuriji Nazzjonali. Dan ir-rapport ta' kunsens se jkollu jiġi ffirmat minn kull membru tal-Ġurija.

- **L-Istadju tal-għoti tal-premju**

Ir-rebbieħ tal-Premju Ewropew Access City 2024 se jiġi jgħabbar uffiċjalment fiċ-Ċerimonja tal-Premju fi Brussell fid-29 ta' Novembru 2024.

⁵ Jekk jogħġbok ara l-iskeda taż-żmien indikattiva fit-Taqsima 3.6.

4.2 Kriterji tal-premju

Kemm il-membri tal-Ġurija Nazzjonali kif ukoll tal-UE se jivvalutaw il-bliet kandidati abbażi tal-kriterji ta' evalwazzjoni li ġejjin:

1) *Rilevanza għall-għanijiet*

L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-azzjonijiet, il-politiki u l-inizjattivi kemm jekk diġà ġew implimentati jew fl-istadju tal-ippjanar fl-erba' oqsma ewlenin tal-aċċessibbiltà:

- a. l-ambjent mibni u spazji pubbliċi;
- b. it-trasport u infrastruttura relatata;
- c. informazzjoni u komunikazzjoni, inklużi teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT);
- d. faċilitajiet u servizzi pubbliċi.

L-applikant rebbieħ huwa mistenni li juri approċċ koerenti għall-aċċessibbiltà fl-erba' oqsma kollha u viżjoni ambizzjuża fl-indirizzar tal-aċċessibbiltà fil-belt.

2) *Is-sjeda, il-livell ta' impenn*

L-applikanti għandhom jiddeskrivu l-istrutturi jew il-qafas stabbilit fl-amministrazzjoni tal-belt sabiex jiġu implimentati l-azzjonijiet ta' aċċessibbiltà. **L-applikazzjonijiet għandhom juru li l-azzjonijiet implimentati jew ippjanati huma parti minn strateġija jew qafas ta' politika koerenti u mhux sempliċement proġetti *ad hoc*.** L-istrateġija tal-aċċessibbiltà għall-wirt kulturali għandha tiġi integrata fil-politiki tal-belt u r-regolamenti tagħha. Dikjarazzjoni/impenn ta' politika dwar l-aċċessibbiltà f'livell għoli ta' responsabbiltà għandhom ikunu viżibbli. Għandha tingħata informazzjoni dwar ir-riżorsi xierqa (persunal, baġit, eċċ.) allokatu għall-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki. Il-kunsiderazzjonijiet tal-ispiża tal-aċċessibbiltà għandhom jingħaqdu mal-valutazzjoni tal-benefiċċji mistennija.

3) *L-impatt*

Il-politiki/inizjattivi tal-belt għandu jkollhom impatt pożittiv li jista' jintwera fuq il-ħajja ta' kuljum tal-persuni b'diżabbiltà, u fuq il-kwalità ġenerali tal-ħajja fil-belt. Għandhom jingħataw eżempji ta' inizjattivi li inizjalment ikunu mmirati lejn il-persuni b'diżabbiltà, fejn jiġi spjegat kif huma ta' benefiċċju wkoll għal partijiet usa' tal-popolazzjoni, fejn ikun rilevanti. L-applikanti għandhom jinkludu data kwalitattiva u kwantitattiva sabiex jappoġġaw id-dikjarazzjonijiet ta' suċċess u jagħtu eżempji konkreti. Huwa importanti li jissemma/jissemmew il-proġett(i) – jekk hemm – li jinvolvi(u) persuni b'diżabbiltà intellettuali. L-inizjattivi u l-politiki pplanati se jiġu vvalutati fuq il-bażi tal-koerenza u l-impatt potenzjali tagħhom.

4) *Il-kwalità u s-sostenibbiltà tar-riżultati*

L-applikanti għandhom jispjegaw liema strutturi, mekkaniżmi u proċessi ġew stabbiliti sabiex tiġi żgurata l-kwalità u s-sostenibbiltà tar-riżultati miksuba. **Il-kwalità tar-riżultati hija definita f'termini ta' titjib magħmul fil-livell tal-aċċessibbiltà u fit-titjib tal-konformità mal-istandards u mal-leġiżlazzjoni.** Il-ksib ta' riżultati sostenibbli jeħtieġ sforzi kontinwi, riżorsi siguri u l-istabbiliment ta' struttura soda; mekkaniżmi ta' evalwazzjoni u monitoraġġ (għall-kontroll regolari, in-notifika u s-soluzzjoni ta' problemi, l-indirizzar tal-ilmenti, eċċ.) huma essenzjali għall-evalwazzjoni tas-suċċess.

5) L-involviment ta' persuni b'diżabbiltà u sħab rilevanti

L-involviment attiv u ċar ta' persuni b'diżabbiltà, tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, u ta' esperti fl-aċċessibbiltà għandu jintwera kemm fl-ippjanar, fl-implimentazzjoni kif ukoll fiż-żamma tal-politiki u tal-inizjattivi tal-belt immirati biex iżidu l-aċċessibbiltà. L-applikanti għandhom jenfasizzaw ukoll kif iqajmu kuxjenza dwar l-aċċessibbiltà; u jekk ixerrdux, jiskambjawx u jaqsmux l-esperjenza u l-prattiki tajba ma' bliet oħrajn fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew Ewropew u l-mod kif jagħmlu dan.

Kriterju	Numru massimu ta' punti
1. Rilevanza għall-għanijiet	20
2. Sjieda, livell ta' impenn	20
3. Impatt	20
4. Kwalità u sostenibbiltà tar-riżultati	20
5. L-involviment ta' persuni b'diżabbiltajiet u sħab rilevanti	20
TOTAL	100

5. ARRANĠAMENTI U DATI FINALI GĦAS-SOTTOMISSJONI TAL-APPLIKAZZJONIJIET

Il-kompetizzjoni se tkun mis-27 ta' Ġunju 2024 sal-10 ta' Settembru 2026.

L-applikazzjonijiet kollha jridu jiġu sottomessi direttament **online permezz tal-pjattaforma tal-applikazzjonijiet online, li tista' tiġi aċċessata permezz tas-sit web tal-Access City Award 2025**. Applikazzjonijiet f'format stampat **mhumix** aċċettati.

L-applikazzjoni sħiħa trid tkun miktuba f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, is-sottomissjoni tal-applikazzjoni bl-Ingliż hija mħeġġa għat-tmexxija bla xkiel u f'waqtha tal-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet. L-applikazzjonijiet iridu jkunu kompluti. L-applikanti għandhom iwieġbu għall-mistoqsijiet kollha u jimlew it-taqsimiet kollha tal-formola tal-applikazzjoni. Jekk mistoqsija ma tkunx tista' titwieġeb, għandhom jingħataw ir-raġunijiet. Għal aktar informazzjoni dwar kif tissottometti applikazzjoni online, jekk jogħġbok ara n-Nota ta' Gwida (Anness II).

L-applikazzjonijiet għandhom jaderixxu mal-limiti tal-kliem indikati f'kull taqsima tal-formola tal-applikazzjoni. Kwalunkwe kelma 'l fuq mil-limitu speċifikat ma tiġix ikkunsidrata u tista' tħalli t-tweġibiet tal-applikazzjoni mhux kompluti.

L-ibliet applikanti jistgħu jiġu kkuntattjati f'każ ta' żbalji klerikali u/jew amministrattivi jew għal dokumenti nieqsa.

Sabiex tissottometti applikazzjoni online kompluta, għandu jiġi pprovdut dan li ġej:

- Formola ta' applikazzjoni online mimlija (Anness I);
- Id-Dikjarazzjoni tas-Sindku rilevanti (l-Anness III), iffirmata mis-sindku jew mill-ogħla Rappreżentant tal-Belt, awtorizzata mil-liġi nazzjonali biex tirrappreżenta legalment il-belt/ iż-żona urbana)

- Id-dikjarazzjoni fuq l-unur (Anness IV)
- Il-Formola tal-Entità Legali (Anness V)
- Il-Formola ta' Identifikazzjoni Finanzjarja (Anness VI)

L-applikazzjonijiet għandhom jimtlew kompletament u jiġu sottomessi. Barra mill-informazzjoni pprovduta fil-formola tal-applikazzjoni, il-kandidati huma mistiedna jtellgħu – jew jipprovdu link għal – preżentazzjoni b'PowerPoint ta' għaxar slajds biex juru u jenfasizzaw l-aqwa punti tal-applikazzjoni tagħhom.

Jistgħu jittellgħu sa ħames fajls⁶ (id-daqs massimu ta' fajl wieħed huwa 10 MB) jew links. Il-fajls li jittellgħu jistgħu jkunu bil-lingwa(i) nazzjonali tal-Istat Membru tal-UE li jkun qed jieħu sehem fil-kompetizzjoni.

Kull dokument li jittella' għandu jissema b'mod xieraq. L-isem tal-fajl għandu jiddikjara b'mod ċar x'jirrappreżenta l-fajl jew x'fih.

Il-mistoqsijiet kollha għandhom jiġu indirizzati lis-Segretarjat: secretariat@accesscityaward.eu

Id-data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija l-10 ta' Settembru 2024 f'23:59 CEST (GMT +2). Ladarba l-applikazzjoni tiġi sottomessa, tidher paġna ta' konferma.

L-applikazzjonijiet sussegwentement se jgħaddu minn validazzjoni u l-applikanti jiġu infurmati mhux aktar tard minn xahrejn u nofs wara l-iskadenza tas-sottomissjoni stabbilita hawn fuq jekk l-applikazzjoni tagħhom ġietx aċċettata fil-kompetizzjoni jew le.

Għal rekwiżiti formali, jekk jogħġbok irreferi għall-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 3 ta' hawn fuq.

6. L-INĊENTIV FINANZJARJU

L-ammont totali tal-inċentiv finanzjarju huwa ta' EUR 350 000 (tliet mija u ħamsin elf euro). Dan għandu jingħata lill-belt rebbieħa tal-Premju Access City u l-bliet li jiġu fit-tieni u t-tielet post.

Il-fondi se jiġu allokatu kif ġej:

- 1) EUR 150 000 lir-rebbieħ tal-Premju Access City 2025 (l-ewwel post)
- 2) EUR 120 000 lir-rebbieħ tat-tieni post
- 3) EUR 80 000 lir-rebbieħ tat-tielet post

L-inċentiv finanzjarju mogħti lill-ibliet rebbieħa tal-ewwel, it-tieni u t-tielet post se jkollhom jintużaw biex itejbu l-aċċessibilità tal-belt għall-persuni b'diżabbiltà, f'konformità mal-iskop tal-Access City Award.

6.1 Arranġamenti għall-ħlas

Ir-rebbieħa tal-Premju Access City se jitħabbru fiċ-Ċerimonja tal-Premju (ara Taqsima 4.1).

L-inċentiv finanzjarju se jiġi ppremjat permezz ta' trasferiment bankarju wara t-tħabbir u n-nomina tal-bliet rebbieħa fiċ-Ċerimonja tal-Premju uffċjali.

L-ammont se jitħallas f'pagament wieħed imwettaq fi żmien 60 jum mill-aħbar uffċjali tar-rebbieħa.

⁶ Formati tal-fajl aċċettati huma: doc, docx, rtf, pps, ppsx, ppt, pptx, xls, xlsx, pdf, zip, gif, jpeg, jpg, png.

6.2 Responsabbiltà unika tal-kontestanti

Il-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarjat tal-ACA ma jistgħux jinżammu responsabbli għal kwalunkwe talba li għandha x'taqsam mal-attivitajiet imwettqa fil-qafas tal-kompetizzjoni tal-Premju Ewropej Access City mill-kontestant. Il-Kummissjoni m'għandhiex tinżamm responsabbli għal kwalunkwe dannu kkawżat jew sostnut minn xi wieħed mill-kontestanti, inkluż kwalunkwe dannu kkawżat lil partijiet terzi bħala konsegwenza ta' jew matul l-implimentazzjoni tal-attivitajiet relatati mal-kompetizzjoni.

6.3 Verifiki u awditjar

Ladarba l-uffiċjal li jawtorizza tal-Kummissjoni Ewropea jkun stabbilixxa d-deċiżjoni tal-għotja għall-inċentiv finanzjarju, il-kontestanti jaċċettaw li l-Kummissjoni, l-OLAF u l-Qorti tal-Awdituri jistgħu jwettqu verifiki u awditjar fir-rigward tal-kompetizzjoni u l-inċentiv finanzjarju rċevut.

6.4 L-ipproċessar tad-*data* personali

Il-Kummissjoni hija marbuta bir-Regolament 2018/1725 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni. L-informazzjoni Finanzjarja kollha li hija meħtieġa tinkludi l-Formola tal-Entità Legali tal-Belt u l-Formola tal-Identifikazzjoni Finanzjarja ffirmati kif suppost. Id-data personali li tinsab bħala parti mill-formola tal-applikazzjoni sottomessa għandha tiġi pproċessata skont ir-regolamenti fis-seħħ. Il-kontestanti jistgħu, fuq talba bil-miktub, jiksbu aċċess għad-data personali tagħhom u jikkoreġu kull informazzjoni li mhijiex eżatta jew mhux kompluta (ara t-Taqsima 8 għad-dettalji ta' kuntatt). Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiġi awtorizzata tippubblika jew tirreferi għall-informazzjoni li ġejja, fi kwalunkwe forma u fuq jew bi kwalunkwe mezz:

- L-isem tal-belt rebbieħa
- L-ammont tal-inċentiv finanzjarju ppremjat
- Is-suġġett tal-premju

6.5 Il-liġi applikabbli u l-ġurisdizzjoni kompetenti

Rigward l-għoti u l-ħlas tal-inċentiv finanzjarju, tapplika l-Liġi tal-Unjoni. Il-qorti kompetenti jew it-tribunal tal-arbitraġġ li jisimgħu tilwimiet fil-Qorti Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: General Court Rue du Fort Niedergrünwald L-2925 Luxembourg Tel: (352) 4303-1, Fax: (352) 4303 2100,

E-mail: GC.Registry@curia.europa.eu

7. KUNDIZZJONIJIET GĦALL-KANĊELLAZZJONI TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni għandha d-dritt li ttemm il-kompetizzjoni qabel id-data tal-għeluq tagħha mingħajr l-ebda obbligu li tagħti u tindennizza lill-parteċipanti tal-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni għandha d-dritt tiddeċiedi li ma tagħti l-ebda inċentiv finanzjarju jekk l-ebda applikazzjoni ma tiġi rċevuta, jekk l-ebda applikazzjoni ma tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà jew jekk il-Ġurija tiddeċiedi li ma tipproponix għotja tal-inċentiv finanzjarju lil kwalunkwe waħda mill-applikazzjonijiet eliġibbli.

8. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Il-proċess tal-applikazzjoni, ix-xogħol tal-Ġuriji Nazzjonali u Ewropej huma ffaċilitati mis-Segretarjat tal-ACA, li huwa mmexxi minn Ecorys Europe EEIG. Is-Segretarjat jgħin ukoll fl-attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi dwar l-iskema tal-premjju permezz tas-sit web tal-ACA u permezz ta' diversi kanali ta' komunikazzjoni bħal mhuma fuljetti, midja soċjali u filmati eċċ

Ikkuntattja lis-Segretarjat permezz tal-E-mail:

secretariat@accesscityaward.eu

jew il-Kummissjoni Ewropea fuq:

EMPL-EDPD-ACA@ec.europa.eu

9. ANNESSI

- I. Formola ta' applikazzjoni
- II. Nota ta' Gwida
- III. Dikjarazzjoni tas-sindku
- IV. Dikjarazzjoni fuq l-unur
- V. Formola tal-Entità Legali (LEF)
- VI. Formola ta' Identifikazzjoni Finanzjarja (FIF)

